MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2004

Numru 574/2004

Il-Pulizija
(Spettur M'Stella Cutajar)
(Spettur Jesmond J Borg)

Vs

Owen Cucciardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra Owen Cucciardi ta' karta ta' l-identita' 528084(M).

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Lulju, 2004 wara 8 p.m. gewwa Hal Qormi:

a) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' P.C..319, PC1267, PC1091, PC1570, PC1572 u l-Ispettur M'Stella Cutajar persuni inkarigati skond il-ligi minn

servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghti skond il-ligi li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti skond l-art. 96 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna fuq imsemmija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi l-esekuzzjoni ta' dak is-servizz skond l-art 95 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

c) Talli fl-istes data, lok, hin u cirkustanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded b'gebel jew hwejjeg ohra iebsin, jew qabadhom jew qabad arma ohra kontra l-persuni fuq imsemmija persuni nkarigati bhala ufficjali pubblici;

d) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi hedded lil persuni fuq imsemmija bi kliem;

e) Aktar talli hebb kontra persuni sabiex jingurjahom, jew idejjaq jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

f) Aktar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

g) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni fuq imsemmija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti hekk kif iccertifika t-tabib David Fenech M.D. mill-Poliklinika tal-Floriana;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra amissjoni fl-liema ammissjoni hu ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidraha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat: b'attakk u resistenza diretti kontra pulizija u cioe' ufficjali publici waqt il-qadi ta' dmirijithom; li fl-istess incident ingurja l-istess pulizija; b'numru ta' kontrovenzjonijiet.

L-ammissjoni tieghu hija wahda volontarja u nkondizjonata.

Stante din l-ammissjoni u wara li rat l-Artikolu 95, 96, 221, 339(b), 342, 339(e), 339(d), 338(dd) u qieset il-perjodu li l-imputat inzamm taht arrest preventiv u l-eta' tieghu, tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------